KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 23/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23

*L-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' b'mod virtwali permezz tal-pjattaforma ZOOM nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Kunsillier Camilleri talab li jkun skużat minħabba xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġija bħala waħda ġustifikata.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 21 u 22 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt 5.1 tal-minuti nr. 21 is-Segretarju Eżekuttiv qal li kkonferma li ż-żewġ parroċċi ser ikunu inklużi fl-iskema.

2.3. Dwar ir-reklutaġġ tal-Assistent Prinċipal is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-proċess kompla u issa ħarġet is-sejħa b'mod pubbliku.

*Il-Kunsilliera Delezio daħlet issa.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mingħand resident dwar xogħolijiet li huma meħtieġa isiru fi Ġnien il-Mediterran. Is-Sindku qal li ser ikun qed jitkellem dwar dan il-ġnien aktar il-quddiem fil-laqgħa.

3.2. Korrispondenza mingħand entita partikolari sabiex tiġbor żejt tal-ikel f'kontenituri li jkunu mifruxa madwar il-lokalita. Il-membri qablu li għandom jintalbu aktar dettalji u verifiki qabel wieħed jipproċedi. Is-Sindku qal li xtaq jieħu spunt u jistaqsi dwar *bring-in-sites* li kellhom jiżdiedu mill-skema GreenPak. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi dawn għad iridu isiru fid-dawl li l-postijiet ssuġġeriti huma ftit imprekattivi biex it-trakk li jbattal il-*bins* ikun jista' jasal għal dawn il-kontenituri. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li huwa infurmat li l-iskema qed tinvesti fi trakk iżgħar li jkun jista' iservi kontenituri f'dawn l-akwati.

## 4. Laqgħa Pubblika-Rimarki

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi dan l-item dejjem jitressaq wara il-laqgħa pubblika li tkun sargħet sabiex jagħti spazju biex punti imressqa fil-laqgħa pubbliku ikunu jistgħu jiġu diskussi. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li punt li kien imsemmi fil-laqgħa li jista' jkun diskuss huwa dwar il-proġett tal-Pjazza De Paule. Is-Sindku qal li ser ikun qed jiddiskuti dan is-suġġett fl-item li hemm apposta fl-aġenda.

## 5. Skema Norway Grants

5.1. Is-Sindku informa lill-membri li reġgħet ħarġet l-iskema tan-Norway Grants fejn fakkar li l-Kunsill kien applika is-sena l-oħra però ma kienx ingħata l-proġett fid-dawl ta' nuqqasijiet tekniċi fl-applikazzjoni u wara li anke sar appell mill-Kunsill. Is-Sindku kompla li issa li reġgħet ħarġet l-iskema ppropona li terġa ssir l-istess applikazzjoni u naraw li l-issues tas-sena ta' qabel ikunu korretti. Is-Sindku fakkar ukoll li l-proġett tal-Kunsill kien dak li jkun offrut trasport b'xejn madwar il-lokalita għall-anzjani u persuni b'diżabilità. Il-membri qablu.

## 6. *Ġnien il-Mediterran/MOU mal-Correctional Services Agency*

6.1. Is-Sindku qal li kien hemm bosta mistoqsijiet dwar iż-żamma ta' Ġnien il-Mediterran u infatti fakkar li kien beda isir xogħol fi Ġnien il-Mediterran mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta li spiċċa ma ġiex konkluż. Is-Sindku fakkar li f'dan l-isfond dan il-Kunsill kien inkariga lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara l-pjanti għal dan il-proġett sabiex umbagħad isiru diskussjonijiet ma' entitajiet differenti biex umbagħad ix-xogħol jiġi attwat mill-istess entitajiet. Is-Sindku kompla li dan ma jistax isir mill-fondi tal-Kunsill fid-dawl li dawn huma tiġa kommessi għall-proġetti oħra.

6.2. Is-Sindku kompla li fl-isfond tal-ħtieġa ta' żamma aħjar tal-istess ġnien, huwa avviċina lill-*Correctional Services Agency* sabiex residenti tal-faċilita korrettiva ta' Kordin jassistu fiż-żamma ta' dan il-Ġnien. Huwa kompla billi irringrazzja lil Ministru Byron Camilleri li flimkien mal-amministrazzjoni tal-ħabs kien qed japprova dan u għaldaqstant is-Sindku ippropona li l-Kunsill japprova li jiġi iffirmat dan il-*memorandum of understanding* li permezz tiegħu ikun jista' isir xogħol fil-ġnien min żewġ residenti tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Il-membri iddiskutew dan u qablu li isir l-iffirmar tal-ftehim. Il-Viċi Sindku qal li huwa jaqbel ma dan però staqsa jekk żewġ persuni hux biżżejjed biex iżommu dan il-ġnien u għaldaqstant huwa qal li avviċina lill-Ambjent Malta li offrew ukoll l-assistenza tagħhom. Is-Sindku qal li fl-

antik dak l-istess ġnien kien jinżamm minn persuna waħda u għaldaqstant jemmen li tnejn huma biżżejjed.

6.3. Il-Kunsillier Axisa żied illi kien hemm anke esperjenzi fil-passat ta' dan it-tip ta' ftehim li kienu suċċess fejn kien hemm resident tal-faċilita Korrettiva ta' Kordin fil-pjazza ta' kuljum. Huwa infatti ingħaqad mas-Sindku fejn irringrazzja huwa wkoll lid-Diriġenti tal-faċilita korrettiva ta' Kordin u lil Ministru responsabbli l-On. Camilleri. Il-Kunsillier Axisa staqsa wkoll dwar l-onorarji li jingħataw lill-dawn ir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li isir pagament ta' €300 fix-xahar għall-kull ħaddiem li jgħaddi f'kontijiet bankarji apposta skond protokolli tal-faċilita.

6.4. Is-Sindku xtaq iżid li filwaqt li jifhem li forsi jkun hemm nuqqasijiet huwa appella lill-dawk kollha li jżuru l-ġonna fil-lokalita sabiex iżommu nadif u jnaddfu anke wara l-klieb tagħhom.

## 7. Proġett-Ġnien Telgħat Raħal Ġdid

7.1. Is-Sindku qal tkompla ix-xogħol fuq il-proġett ta' Telgħat Raħal Ġdid hekk kif issa qed ikunu finalizzati dokumenti tas-sejħa għall-offerti ta' dan l-istess proġett. Hawnhekk is-Sindku kompla billi ppropona li fid-dawl li dan il-ġnien m'għandux isem, dan jissemma għas-Sur Tony Bezzina, ex-President tal-Hibernians għall-bosta snin hekk kif kien għadu kif ħalliena. Huwa kompla li għandu wkoll isir monument għall-istess Bezzina f'dan il-ġnien. Is-Sindku sostna li żgur dan huwa xieraq hekk kif is-Sur Bezzina kien ġentlom onest, b'qalb tad-deheb u li tassew tieħu pjaċir taħdem miegħu u għalhekk huwa tassew huwa xieraq li l-Kunsill, f'isem il-poplu Pawlist, jagħti dan ir-rigal b'tifkira ta' din il-persuna tant importanti għall-lokalita.

7.2. Il-Viċi Sindku ssekonda din il-proposta tas-Sindku hekk kif qal li kien ħadem għall-bosta snin mas-Sur Bezzina u jaf x'tassew kien ifisser għall-Pawlisti. Il-Kunsillier Bartolo qal li filwaqt li jaqbel li l-ġnien jissemma għas-Sur Bezzina jemmen li dan il-Kunsill ħa jkun għamel biżżejjed monumenti u għaldaqstant ma jaqbilx li għandu isir dan il-monument mingħajr ma jnaqqas mill-ġid li għamel is-Sur Bezzina.

7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li ma kienx hemm qbil unanimu fuq il-proposta tas-Sindku u għaldaqstant talab lis-Sindku sabiex iressaq il-proposta b'forma ta' mozzjonijiet separati għall-isem u għall-monument u jittieħed vot. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni 1/23/8 sabiex il-Ġnien propost għat-Telgħa ta' Raħal Ġdid

jissemma għas-Sur Tony Bezzina, liema mozzjoni kienet ssekondata mill-Viċi Sindku u approvata b'mod unanimu.

7.4. Sussegwentement, is-Sindku ressaq mozzjoni 2/23/8 sabiex fil-Ġnien kif imsemmi għas-Sur Tony Bezzina isir monument għall-istess Tony Bezzina liema mozzjoni kienet ssekondata mill-Kunsilliera Arqueros u kienet approvata b'ħames voti favur (Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Axisa, Arqueros u Delezio) u wieħed kontra (il-Kunsillier Ivan Bartolo).

7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li issa l-baġit tal-ispiża tal-ġnien irid ukoll jirrifletti l-inklużjoni tal-monument u għaldaqstant approvaw li s-sejħa jkollha baġit ta' €600,000 (vat eżkluż).

## 8. <u>Skemi LESA</u>

8.1. Is-Sindku qal li l-aġenzija LESA qed toħroġ żewġ skemi waħda b'risq l-għaqdiet tal-lokalita u l-oħra b'risq proġetti fil-komunità liema proġetti isiru mill-Kunsilli Lokali. Is-Sindku irringrazzja lil Ministru responsabbli l-On. Camilleri u ippropona li jekk il-Kunsill jaqbel, bl-iskema tal-proġetti tal-Komunità isir ix-xogħol meħtieġ fi Ġnien Lorry Sant. Is-Sindku kompla li din l-iskema tagħti lura sa 80% tal-ispejjeż sa massimu ta' €80,000. Il-membri approvaw.

8.2. Dwar l-iskema tal-għaqdiet is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li din l-iskema sar tkun imħaddma mill-aġenzija LESA u l-Kunsill Lokali ser ikun qed japprova it-talbiet li isiru mill-għaqdiet bħala validi. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li dawn l-inizjattivi qed isiru sabiex il-LESA tinvesti lura fil-lokalitajiet parti mill-fondi li jinġabru mill-kontravenzjonijiet. Kompla li l-iskema tal-proġetti tal-Kunsilli qed tkun qed issir ukoll bil-koperazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 9. <u>Pjazza Antoine De Paule</u>

9.1. Is-Sindku qal li qed iressaq dan il-punt sabiex jinforma lill-membri b'dak kollu li kien qed isir b'rabta ma' dan il-proġett. Is-Sindku beda billi fakkar li dan kien proġett li sar mill-Gvern Ċentrali u huwa kien kompla jaħdem sabiex in-nuqqasijiet tal-proġett jissewwew fejn sar rapport mill-Perit tal-Kunsill dwar dawn in-nuqqasijiet, liema nuqqasijiet jidher li hemm bżonn aktar minn €150,000 biex jissewwew. Is-Sindku sostna li mhux possibbli li dawn it-tiswijiet isiru mill-Kunsill Lokali li għandu fondi proġettati għall-proġetti oħra u għalhekk kien wasal li jkellem ukoll is-Segretarju

Permanenti tal-Ministeru għall-Kunsilli Lokali sabiex jinstabu il-fondi biex dawn ix-xogħolijiet isiru. Apparti min hekk kompla li kien qed jitkellem ukoll ma' Infrastruttura Malta sabiex huma isewwu it-triq, wara li din it-triq kompliet tinżel bit-traffiku li għadda mill-Pjazza wara l-għeluq li kien sar minħabba l-proġett tal-Marsa Junction. Is-Sindku qal li flok il-Kunsill ħasel idejh qed ikompli jagħmel il-pressjoni sabiex ix-xogħol isir.

9.2. Il-Kunsillier Axisa ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu parir legali ta' x'jista' isir jekk ix-xogħol li għandu isir, ma isirx. Is-Segretarju Eżekuttiv sostna li kien ilhu jistaqsi mill-ewwel ġurnata dwar ir-responsabiltajiet f'każijiet simili meta il-Gvern jagħmel hu stess proġetti f'postijiet li huma responsabbli minnhom il-Kunsilli Lokali però dan ma kien qatt ċċarat.

## 10. <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>

10.1. Is-Sindku fakkar lill-membri li żmien ilhu il-Kunsill kien qabel li s-Suq ikun magħluq fi protesta minħabba li l-awtoritajiet kienu qed jonqsu milli jirregolarizzaw l-istess suq. Is-Sindku kompla li infatti ftit ġranet wara ħarġet il-*white paper* dwar ir-riforma tas-Swieq fil-beraħ. Is-Sindku kompla li ftit ġranet ilhu ra servizz tal-aħbarijiet fejn intqal li l-proċess ta' konsultazzjoni ilhu għaddej tlett snin. Huwa żied li qed jgħid dan sabiex juri lill-membri li dak li jingħad mill-Kunsill ikun minnhu. Is-Sindku qal li f'din l-istess whitepaper wieħed jista' jara b'mod ċar kif l-Kunsill ma jistax jagħżel il-ġranet jew il-ħinijiet li fih jarma is-suq imma li jista' isir biss huwa li nesiġu li kulħadd jimxi mal-liġi. Is-Sindku għalaq li kulma jista' isir huwa li nistennew sakemm dawn l-entitajiet jibgħatu għall-Kunsill sabiex naraw li dan jiġi tassew regolat.

10.2. Is-Sindku informa lill-membri illi kien ingħata l-kelma li x-xogħolijiet marbuta ma' Casa Flamini li kellhom isiru fi Triq il-Foss kellhom jitkomplew però sfortunatament sa issa dan ix-xogħol għadu ma sarx u t-triq għada magħluqa. Kompla li ser ikompli jagħmel il-pressjoni meħtieġa biex ix-xogħol isir u l-inkonvenjent jispiċċa.

## 11. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>

11.1. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet għalfejn għadhom jgħaddu trakkijiet kbar fi triq l-Arkata kif ukoll dwar il-kontenituri tal-ħwejjeġ li tressqu f'ta' Lourdes. Is-Sindku informa li dawk il-kontenituri kienu tressqu fejn hemm CCTV kif approvat fil-laqgħa tal-Kunsill. Dwar it-trakkijiet, is-Sindku qal li l-Kunsill għamel tabelli u anke

linji biex trakkijiet ma jgħaddux però umbagħad qal li l-abbużi iridu jarawhom l-awtoritajiet konċernati.

11.2. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-possibbiltà li jiżdied żebra crossing fi Triq Palma, li issir żebgħa tal-parkeġġi fi Triq St. Ubaldeska kif ukoll dwar il-ħsibijiet tar-residenti ta' madwar il-Paola Health Hub dwar nuqqas ta' parkeġġ fl-akwata. Kompla billi staqsa dwar in-numru tan-nies li attendew għall-korsijiet tal-ECDL kif ukoll staqsa dwar fadalx maskli biex jitqassmu fid-djar tan-nies. Is-Sindku qal li dwar il-korsijiet tal-ECDL ser tinġabar l-informazzjoni u dwar maskli fadal u wieħed jista' jiġi l-kunsill u jiġborhom. Dwar iz-*zebra crossings* is-Sindku qal li jista' isir eżerċizzju sabiex naraw x'hemm meħtieġ biex issir umbagħad talba lil Transport Malta. Il-Viċi Sindku xtaq ukoll jistaqsi dwar każ ta' drenaġġ fid-djar tal-pjazza. Is-Sindku qal li huwa infurmat li sar ix-xogħol min-naħa tal-Water Services Corporation.

11.3. Il-Kunsillier Axisa xtaq jirringrazzja lill-ħaddiema tal-Kunsill u lis-Segretarju Eżekuttiv li fiż-żminijiet tal-pandemija baqgħu jaħdmu b'mod normali però xtaq jirrimarka li s-Segretarji Eżekuttivi bħalissa għaddejjin b'azzjonijiet industrijali u jemmen li dan m'huwiex l-aħjar żmien sabiex union tordna azzjonijiet simili. Is-Sindku qal li għalkemm veru jista' jkun li dan mhux iż-żmien idejali però wieħed irid jirrispetta id-dritt ta' dawn il-ħaddiema li huma asset kbir għal-kunsilli u ilhom snin jistennew ftehim kollettiv li jixirqilhom. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-membri tas-sapport tagħhom u li irringrazzja wkoll lill-ħaddiema talli flimkien miegħu qed jaraw li dejjem jibqgħu joperaw b'rispett sħiħ lejn il-miżuri kontra l-imxija tal-covid-19.

11.4. Il-Kunsillier Arqueros qalgħet li kienet bagħtet email lill-membri dwar applikazzjoni marbuta mal-attivitajiet kulturali għall-2021 u staqsiet jekk hemmx xi oġġezzjonijiet biex issir applikazzjoni għal din l-iskema. Il-membri qalu li ma kellhomx oġġezzjoni u allura setgħet issir l-applikazzjoni.

11.5. Il-Kunsillier Bartolo staqsa jekk hux qed isir xi ħaġa biex jingiebu aktar ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali kif ukoll dwar jekk sarx kuntatt miegħu mill-Kummissjoni Elettorali dwar isem tat-triq għat-Tabib Cassar Galea. Is-Sindku qal li bħala ħaddiema din it-talba ilha issir lill-entita konċernata però kompla li dawn il-ħaddiema jonqsu qegħdin hekk kif dawn il-ħaddiema qed jaslu għall-età tal-irtirar. Dwar il-każ tat-triq li qed isemmi huwa ma kellu l-ebda kuntatt dwar dan.

KUNSILL LOKALI PAOLA

**12. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

12.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 23 għas-somma ta' €48,056.31.

**13. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

13.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:35pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 28 ta' April 2021.

13.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 26 ta' Mejju 2021.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku